MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2007

Numru 384/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI**

**VS**

**OMISSIS**
**JURGEN SCERRI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Jurgen Xerri, ta’ 27 sena, bin Carmel u Mary nee’ Spiteri, imwieled tal-Pieta’ nhar id-19 ta’ Dicembru, 1987, residenti fil-fond numru 11, Tulip House, Triq Balbi, Marsa, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 151479 (m);

U Donna Camilleri, ta’ 19-il sena, bint Victor u Concetta nee’ Caruana, imwielda tal-Pieta’ nhar il-5 ta’ Ottubru, 1986, residenti fil-fond Block 14, Flat 15, Rose Path,

Santa Lucija, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 457586 (M);

Akkuzati talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Talli fil-gimghat ta' qabel l-4 ta' April, 2006, wara nzul ix-xemx, f'Rahal Gdid, ikkomettew serq ta' diversi prodotti tal-ikel, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, u l-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u li sar ghad-dannu ta' John Cuschieri mill-Gharghur;

2. U aktar talli fil-gimgha ta' qabel l-4 ta' April, 2006, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg, u cioe' il-prodotti msemmija, misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

3. U aktar talli nhar is-27 ta' Mejju, 2006 f'xi hin wara nofsinhar, f'San Giljan, ikkommettew serq ta' diversi fliexken tax-xorb u oggetti ohra, liema serq u kkwalifikat bil-mezz u l-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u li sar ghad-dannu ta' Neville Papagiorcopulo minn San Giljan;

4. U aktar talli fis-27 ta' Mejju, 2006 f'xi hin wara nofsinhar, f'San Giljan ikkommettew serq ta' ghodod, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u li sar ghad-dannu ta' John Alfred Micallef minn San Giljan;

5. U aktar talli fis-27 ta' Mejju, 2006 f'xi hin wara nofsinhar, f'San Giljan, volontarjment hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fis-serrtura tal-bibien tal-garaxxijiet, liema hsara li teccedi l-ghaxar liri maltin (Lm10.00), izda hija inqas minn hamsin lira maltin (Lm50.00), saret ghad-dannu ta' Neville Papagiorcopulo u John Alfred Micallef, it-tnejn minn San Giljan;

6. U aktar talli nhar it-3 ta' Gunju, 2006 f'xi hin wara nofsinhar, f'San Giljan, ikkommettew serq ta' diversi ghodod, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, u l-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u li sar ghad-dannu ta' Paul Graham John Hardy minn San Giljan;

7. U ukoll talli fit-3 ta' Gunju, 2006 f'xi hin wara nofsinhar, f'San Giljan, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fis-serratura ta' bieb ta' garaxx, liema hsara li ma teccedix l-ghaxar liri maltin (Lm10.00), u li saret ghad-dannu ta' Paul Graham John Hardy minn San Giljan;

8. U aktar talli **Jurgen Xerri wahdu**, bi ksur ta' Ordni ta' Probation fejn kien gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, datata 18 ta' Mejju, 2006.

Wara li rat id-dokumenti ezebiti;
Wara li rat l-imputazzjonijiet tal-15 ta' Gunju, 2006 u tas-7 ta' Dicembru, 2006, fejn l-imputazzjonijiet gew mizjuda skond kif indikat;
Wara li rat li t-tieni (2) akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1), u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha;
Wara li rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontrieh;
Wara li rat l-Artikoli 18, 261, 263, 267, 270, 325, 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti ser ikunu limitati ghall-piena, in vista li l-imputat irregistra ammissjoni ghar-reati addebitati lilu. L-imputazzjonijiet jittrattaw tliet 'incidenti' kommessi fi tliet dati differenti – dawn kienu serq ta' prodotti tal-ikel, serq ta' fliexken tax-xorb u ta' ghodod, u hsara volontarja. Barra minn hekk, gie akkuzat ukoll li kiser id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, billi ikkommetta reat waqt li kien taht Ordni ta'

Probation. Il-Qorti tinsab imhassba hafna li dawn ir-reati gew kommessi meta l-imputat inghata okkazjoni jirriforma ruhu u nghata opportunita' jikkoregi l-ghemil tieghu. La l-Qorti u lanqas l-ufficjali tal-Probation ma ghandhom hin x'jahlu ma nies li minkejja l-ghajnuna li jinghataw, jibqghu jippersistu fil-kriminalita'. Madankollu, dan il-kwadru m'huwiex ir-ritratt shih ta' din l-istorja.

Minn Gunju 2006 lil hawn, l-imputat irregistra kambjament konsiderevoli fil-hajja tieghu. Dan xehduh l-istess ufficjali tal-Probation tieghu, kif ukoll ir-rapprezentant tal-Agenzija Caritas, fejn l-imputat qed jattendi ghal program residenzjali ghal kura mid-dipendenza fuq id-droga. Wahda mir-ragunijiet ghal dan il-kambjament f'hajjet l-imputat kien it-twelid tat-tarbija tiehgu ftit tax-xhur ilu. L-imputat donnu gharaf ir-responsabbiltajiet tieghu issa li ghandu wild x'jiehu hsieb, u beda miexi t-triq ghall-fejqan mill-problema tad-droga u l-konsegwenzi koroh li ggib maghha.

L-iskop allura tal-piena fis-sistema gudizzjarja taghna x'inhu? Hawu intenzjonat li piena tkun biss punittiva u retributtiva, biex imputat 'ihallas' ghal ghemilu, jew huwa intezjonat li piena tkun fuq kollox riabilitattiva u korrettiva? Il-Qorti taf ben tajjeb li r-risposta la hi wahda u lanqas l-ohra, ghax il-piena ghal reat ghandha tinkorpora aspetti u elementi mit-tnejn, f'mizuri differenti skond il-kaz. Illum il-Qorti ghandha quddiemha zaghzugh li qieghed jaghmel hiltu biex l-izbalji tal-passat ihalliehom warajh, u jibda hajja gdida bhala missier ta' familja. Il-Qorti ghalhekk ma tistax ma tikkonplimentax lill-imputat li jidher li sa fl-ahhar gharaf l-ghemil hazin tieghu u qed jahdem biex itejjeb hajtu. Fid-dawl ta' dan kollu, piena karcerarja zgur ma taghmilx gid. Ghalkemm kien diga' inghata Ordni ta' Probation qabel, u ma kienx gharaf jahtaf l-okkazjoni u jirriforma ruhu dak iz-zmien, illum jidher li din is-sens ta' responsabbilta' issa dahlet fl-imputat, u ghalhekk il-Qorti sejra taghti ordni ta' Probation ohra ghat-tul ta' massimu ta' tlitt (3) snin, sabiex l-imputat jibqa' jkun sorveljat waqt dan iz-zmien sensittiv u deciziv f'hajtu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi Imputat Jurgen Xerri hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh u ghaldaqstant tordna li jitqieghed taht Ordni ta’ *Probation* ghal zmien tlitt (3), *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------